

# POTENTIA CORONA

josephfenech409@gmail.com
Ħarġa Nru 8

## JASSIGURA SAN ALWIĠI M. DE MONTFORT

Jekk tirreċita r-Ružarju bil-qalb sa mewtek, nassigurak, li minkejja l-gravità ta' dnubietek int tirċievi kuruna ta' glorja li ma tintemmx.

Ukoll jekk tkun f'xifer it-telfien, ukoll jekk ikollok sieq waħda fl-infern, ukoll jekk tkun tajt ruħek lix-xitan jew lil xi saħħar tal-maġija s-sewda, ukoll jekk int eretiku ostinat daqs ix-xitan, kmieni jew tard int tikkonverti u tbiddel ħajtek u ssalva ruħek jekk, u innota sew x'se ngħid, jekk tgħid ir-Ružarju bid-devozjoni kuljum sa mewtek bil-ħsieb li ssib il-verità u tikseb l-indiema u l-maħfra ta' dnubietek.

KONT TAF ? li it-talba li ngħidlu lil Marija qabel kull Misteru tar-Ružarju, hija meħuda mill-Innu antik u għażiż fil-Knisja, Ave Maris Stella. Is-silta bil-latin tgħid hekk:

Monstra te esse Matrem
Sumat per te precem
Qui pro nobis natus
Tulit esse tuus

Uri li Inti Ommna
Għalik jisma' t-talb tagħna
Dak li twieled għalina
Ried ikun wieħed bħalna.

KONT TAF ?
Li t-talba l-oħra ta' qabel kull Misteru għallmithielna Marija nnifisha fit-Tielet Dehra ta' Fatima, nhar it-13 ta' Lulju, 1917
It-talba hija din:

O ĠESÙ TIEGĦI AĦFRILNA DNUBIETNA ĦARISNA MIN-NAR TAL-INFERN ĦU L-ĠENNA LILL-ERWIEĦ KOLLHA L-AKTAR LIL DAWK LI GĦANDHOM BŻONN TAL-ĦNIENA TIEGĦEK.

## GĦERF QADDIS TAT-TIFLA SANTA ĠAĊINTA MARTO

Id-dnubiet li minħabba fihom ħafna erwieħ imorru l-infern huma d-dnubiet tal-ġisem.

Biex tkun pur f'ġismek trid tgħożż il-kastità. Biex tkun pur fir-ruħ ma tridx tagħmel id-dnub, ma tħarisx lejn dak li mhux sewwa, ma tisraqx, qatt ma tigdeb, tgħid dejjem il-verità tkun kemm tkun ħaġa iebsa.

Għad jidhru modi li se joffendu bil-kbir lill-Mulej. Min irid iservi lil Alla m'għandux jimxi warajhom. Il-Knisja m'għandiex modi. Is-Sinjur tagħna huwa dejjem l-istess.

It-tobba m'għandhomx id-dawl biex ifejqu lill-morda minhabba li m'għandhomx l-imħabba ta' Alla.

